# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-6 ta' Gunju 2002**

**Citazzjoni numru 2171/99 GC**

**H Mifsud & Sons Limited**

**vs**

**Calbros Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitatrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett elef u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm 3088) bilanc ta'somma akbar prezz ta' servizzi ta' trasport moghotija skond diversi invoices oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Illi is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammont pendenti pero' xorta hi baghat inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u skadut;

Illi is-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissolleva ;

Illi l-attur jaf lilu nnifsu bil-fatti kif fuq dikjarati;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi kif disapensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, tghid ghaliex din Il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) tikkundana lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancija ta' Lm3088 ta' servizz ta' trasport lilhom moghtija;

Bl-ispejjez u interessi legali ikkalkolati sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta atrioci debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :

Fl-ewwel lok illi hemm ftehim anke jekk verbali, bejn Charles Cauchi, rappresentant tas-socjeta' konvenuta u Stephen Mifud rapprezentant tas-socjeta attrici illi l-ammont dovut jithallas b'rati mensili ta' mitejn Liri Maltin (Lm200) kif fil-fatt kien, ghadu u jibqa' hekk isir sakemm jinqatghu kollha, b'dan illi qabel it-talba ghall-kundanna tal-hlas, is-socjeta' attrici, jekk riedet tvarja tali ftehim, kella l-ewwel titlob li din il-Qorti li ntilef il-bebeficcju tat-terminu tas-socjeta' konvenuta;

Fit-tieni lok, u minghar pregudizzju ghas-su-espost, illi s-somma pretiza u mitluba fic-citazzjoni odjerna hija wahda esagerata u mhux dovuta stante illi saru pagamenti ohra mensili kif hawn fuq spjaegat u di piu' illi l-invoice no. 14996 fl-ammont ta' Lm 428.05 hija wahda esagerata;

Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' attrici stess u ebda imghaxijiet ma'ghandhom ikun dovut stante illi is-socjeta' konvenuta qed taderixxi ruha mal-ftehim ta' pagamenti mensili kif miftiehem;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-l;ista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju 2002;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni s-socjeta’ attrici ppremettiet li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta’ tlett elef u tmienja u tmenin liri maltin (Lm3088) rappresentanti bilanc ta’somma akbar prezz ta’ varji servizzi ta’ trasport ipprovduti lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta;

Is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li hemm ftehim verbali bejn il-partijiet li l-ammont kollu dovut mis-socjeta konvenuta kellu jithallas b'rati mensili ta' mitejn liri maltin (Lm200) kull rata u ghalhekk is-socjeta attrici kellha qabel xejn titlob li jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta ddekadiet minn dan il-beneficcju tat-terminu. Fit-tieni lok is-socjeta konvenuta teccepixxi li s-somma mitluba fic-citazzjoni hi esagerata stante li certi pagamenti ma gewx konsidrati mis-socjeta attrici u inoltre l-ammont indikat fl-"invoice" numru  14996 hu ukoll esagerat;

In effett jirrizulta li fil-mori ta' din il-kawza s-socjeta konvenuta hallset l-ammont kollu pretiz mis-socjeta attrici ad eccezzjoni tas-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin liri maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm251.51);

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici kienet giet inkarigata mis-socjeta konvenuta sabiex tiehu hsieb it-trasport ghall-Malta ta' merkanzija importata mis-socjeta konvenuta. Generalment din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'madum u oggetti ohra konnessi mal-kmamar tal-banju. Jidher li s-socjeta attrici pprovdiet dawn is-servizzi diversi drabi u ghal zmien pjuttost twil. L-imsemmija somma ta' Lm250.51 tirreferi ghall-"invoice" imsemmija fin-nota tal-eccezzjonijiet u tirreferi ghal merkanzija li kellha tingieb minn Viterbo, l-Italja. Jirrizulta li ghar-rigward tat-trasport ta' din il-merkanzija s-socjeta attrici l-ewwel ikkwotat prezz u sussegwentement ikkwotat prezz oghla. Is-socjeta attrici ssostni li din id-diferenza tirreferi ghal-volum tal-merkanzija, liema volum kien effettivament akbar minn dak li fuqu inhadem l-ewwel prezz. Is-socjeta konvenuta ssostni li kienet accettat l-ewwel prezz u ghalhekk ghandha thallas dan il-prezz, anke in vista tal-fatt li z-zieda fil-prezz mhux gustifikata L-imsemmi ammont ta' Lm251.51 jirrifletti d-differenza bejn l-ewwel prezz, li jidher li thallas mis-socjeta konvenuta, u t-tieni prezz;

Ma jirrizultax sufficjentement pruvat li dan l-ammont hu effettivament dovut mis-socjeta konvenuta;

Ic-cirkostanza tad-differenza fil-volum ma tirrizultax mid-dokumenti li gew esibiti. Ufficjal tas-socjeta konvenuta kkonferma li, qabel ma nhareg l-ewwel prezz, kienet giet konsenjata lis-socjeta attrici kopja tal-kont mahrug mid-ditta estera esportatrici u ghalhekk is-socjeta attrici kienet taf bid-dettalji kollha ghar-rigward tal-merkanzija in kwestjoni, inkluz il-volum tal-istess merkanzija. Difatti ufficjal tas-socjeta attrici kkonferma li meta sar l-ewwel prezz is-socjeta attrici kienet infurmata minn fejn kellha titghabba l-merkanzija. Ma jirrizultax pruvat li s-socjeta konvenuta tat volum tal-merkanzija li sussegwentement irrizulta li kien akbar. Jidher ukoll li t-tieni prezz gie komunikat lis-socjeta konvenuta biss gurnata qabel ma wasslet Malta l-merkanzija u ghalhekk ferm wara li l-istess merkanzija bdiet tigi trasportata. Inoltre ufficjal tas-socjeta konvenuta jghid li s-socjeta attrici originarjament kienet iggustifikat il-bidla fil-prezz billi qalet li kien sar zball meta nhareg l-ewwel prezz. Kien biss fil-kors ta' dawn il-proceduri li s-socjeta attrici bdiet titkellem dwar differenzi fil-volum. In vista ta' dan kollu ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta ghad ghandha tghati xi bilanc lis-socjeta attrici;

Ghar-rigward tal-ispejjez jinghad li ma tirrizultax sufficjentement pruvata l-pretensjoni tas-socjeta konvenuta li kien sar ftehim li l-ammonti kollha dovuti kellhom jithallsu b'pagamenti mensili. In vista tal-fatt li jirrizulta li prattikament is-somma kollha mitluba, ad eccezzjoni ta' Lm251.51, thallset fil-mori ta' din il-kawza, l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tiddikjara li ma hemm l-ebda bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici;

Peress li prattikament is-somma kollha mitluba thallset mis-socjeta konvenuta fil-mori ta' din il-kawza, l-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta konvenuta.